# IL-Huttafa

POBox 498 Valletta CMR 01

Settembru Ottubru 1994
Numru 4

Fis-Simar...

Dan il-magażin stampat fuq karta riċiklata



Raymond Galea

*Bagħdan Aħmar*

**Spanja 8 - Estonja 3** X'inhu? Futbol fil-Ħuttafa??? Mur paġna4...

MOS BirdLife INTERNATIONAL

**IL-MAGAŻIN TAL-KLABB ĦUTTAF**





# editorjal



**Ħbieb Ħuttaf,**

Qatt smajtu bil-kelma **ekosistema**? Jekk taqraw dwar in-natura ħa tiltaqgħu magħha żgur. Anke f'dan il-magażin stess kultant tinzertawha.

Se jkolli ngħidilkom, għax ma jistax ikun, ħej, li naturalisti bħalkom ma tkunux tafu x'inhi ekosistema.

Mela immaġinaw żewġt idjar ħdejn xulxin, u f'dawn iż-żewġt idjar jgħixu żewġ familji . Fis-sajf jagħmlu bħal kulħadd u jżommu t-twieqi miftuħin, u filgħaxija naturalment jidħol in-nemus bil-għatx għad-demm. Imma waqt li familja minnhom titqatta' bin-nemus, il-familja l-oħra kważi xejn! Għaliex? X'ġara?

Forsi familja minnhom tisprejja? Le! Jew jindilku bl-insect repellent? Lanqas!

It-tweġiba qiegħda mistoħbija ...wara l-gwardarobba! Għax bil-lejl mhux biss nemus jidħol jippassiġġa fid-djar ta' dawn in-nies, imma anke ... il-wiżgħa!

Issa hawn qiegħda d-differenza! Familja minnhom jitwerwru u jitqażżu anke jekk *jisimgħu* l-kelma wiżgħa u jagħmlu minn kollox biex joqtlu kull waħda li tidħlilhom ġewwa. Il-familja l-oħra jifirħu meta jarawha, għax jafu li bil-lejl waqt li huma reqdin, dik il-wiżgħa toħroġ bil-ġuħ tfuf bħal tigra għal kull annimali żgħir li jillandja fuq il-ħajt. U nemusa (jew kamla, jew dubbiena, jew baħrija ta' l-għaġin) ... tinżlilha għasel! Il-ħitan tiknishom qisha vacuum cleaner!

L-ewwel familja ma tafx x'inhi ekosistema, u għalhekk qegħdin ibatu l-qris tan-nemus. It-tieni familja qed tħalli l-ekosistema taħdem, u kollox miexi ħarir.

Ekosistema, mela, hija meta l-annimali u l-pjanti jgħixu minn xulxin u mill-ambjent tagħhom. U ekosistemi ma ssibhomx biss fid-djar tagħna, imma f'kull ambjent tad-dinja fejn hemm il-ħajja. Anke ġo ġisimna hemm ekosistema!!

U jekk irridu d-dinja tibqa' sabiħa u varjata, irridu nħallu l-ekosistemi jaħdmu kullimkien.







Victor Falzon
Editur




*Faċċata ta' Quddiem*

**Bagħdan Aħmar**

(*Circus aeruginosus* - Marsh Harrier)

Il-Bagħdan Aħmar huwa għasfur tal-priża li jiża munqaru biex iħanxar il-laħam. Waqt il-passa, speċjalment f'dik tal-ħarifa, huwa wieħed mill-iktar tajr tal-priża komuni. U għax huwa għasfur kbir u sabiħ... il-kaċċaturi wkoll jiġġennu għalih!

## Iktbulna

## Għandkom?

Għandkom xi ċajta, jew ħaġa moħġaġa, dwar annimali, xi logħba interessanti, xi poeżija dwar in-natura li ktibtu intom? Hemm xi ħaġa li tixtiequ tistaqsu lill-esperti tagħna? Iktbulna f'dan l-indirizz:

**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**MOS POBox 498**
**Valletta CMR 01**

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' l-MOS li tieħu ħsieb il-membri taħt l-erbatax-il sena. Din it-taqsima torganizza attivitajiet bħal ħarġiet fil-kampanja, żjajjar f'riservi naturali, taħdidiet bi slajds u xi drabi xogħol ambjentali. Klabb Ħuttaf jippublika n-newsletter-magażin Il-Ħuttafa kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi handouts, worksheets, logħob u kompetizzjonijiet għal waqt l-attivitajiet. Il-membri huma bħalissa maqsumin f'żewġ reġjuni ġeografiċi, jiġifieri l-Ħuttaf ta' Fuq u l-Ħuttaf t'Isfel. Il-Klabb huwa mmexxi minn working group ta' Youth Leaders.

© MOS 1994
Stampat għand Poulton's Print Shop

## Munqar Rari!



Dan l-aħħar fir-riserva ta' l-Għadira niżel għasfur rari ħafna. Din kienet Beggazzina ta' Munqarha (broad-billed sandpiper - *Limicola falcinellus*) Tfaċċat kmieni f'Awwissu u damet hemm koċċ ġranet, tħuf max-xfar ta' l-għadajjar tnaqqar fit-tajn. Il-gwardjan tar-riserva Charles Gauci kellu wkoll ix-xorti li jirringjaha. Dan l-għasfur ikun qisu Tertuxa (little stint) kbira, imma b'munqar itwal u eħxen.

## Reġa' beda?



Din ir-rebbiegħa bejjet f'pajjiżna l-iSpanjulett (kestrel - *Falco tinnunculus*). Fil-passat dan l-għasfur kien ibejjet regolari f'Malta, imma meta żdiedet wisq il-kaċċa, l-iSpanjulett waqaf milli jbejjet, u baqa' jidher biss bħala għasfur tal-passa. Tgħid reġa' beda jbejjet għax il-liġijiet il-ġodda huma aħjar milli kienu qabel?

## Għandna ħajd, ħajd u ħajd!





Joe Sultana

Fil-Ħuttafa Nru 1 konna ħabbarna li fir-riserva tas-Simar iridu jinbnew xi ħajds, kmamar żgħar bħal tar-riserva ta' l-Għadira, minn fejn tkun tista' tittawwal għal ġor-riserva. F'Awwissu dawk il-ħajds inbnew - mhux waħda imma tlieta. Ma jdumx ma nagħmlu xi ħarġa tal-Klabb Ħuttaf biex immorru nittawlu minn dawn il-ħajds ħalli naraw x'għasafar toffri din ir-riserva ġdida.

# Mid-dinja...

● Spanja ha taghti spinta fil-harsien ta' l-ambjent. Fi żmien sitt snin se żżid 8 parki naturali ohra ma' li ghandha.



Lutra

● L-Estonja żiedet 3 parki naturali ma' li diġà ghandha. F'uhud minn dawn il-parki jghixu l-lupu, l-ors, il-lutra (otter) u l-linċa (lynx)



# ittri

## Annimali fatati!

Ghażiż Editur,

Fit-triq tieghi hemm ghasfur qisu ghammiel tal-bejt, imma ghandu l-pinen ta' ġwinhajh bojod.

Tista' jekk joghġbok tghidli x'jismu dan l-ghasfur u x'tghidulu bl-Ingliż. Grazzi

Noel Barbara
Gudja

Ghażiż Noel,

Grazzi ta' l-ittra tieghek. Kellek raġun tithawwad b'dak l-ghasfur stramb li rajt, ghax lanqas l-aqwa gwida ghat-tajr ma kien se jurik dak li inti rajt! Inti rajt każ ta' albiniżmu. X'inhu albiniżmu?

Faċli. Fl-annimali (inkluż in-nies), il-kulur tal-ġilda, tad-demm, ta' l-ghajnejn, tax-xaghar, tar-rix eċċ jiġi minn sustanza li tissejjah pigment. Fil-pjanti wkoll.

Issa kultant jiġri li l-ġisem jitwieled nieqes minn dan il-pigment. L-annimal ghalhekk ikun nieqes mill-kulur, u jissejjah **albino** (jiġifieri abjad). Din il-haġa tista' ssibha f'kull annimal (ara ritratt), u anke fin-nies. Hafna drabi, però, l-annimal ma jkunx albino kollu, imma f'parti minn ġismu.

Ghalhekk dak li rajt inti kien tassew ghammiel tal-bejt, imma kien albinistiku fil-ġwienah.

L-Editur



Żrinġ albino
minn Wied Qannotta

## X'ikun??

Ghażiż Editur,

Fl-ahhar harġa tal-Huttafa nahseb kellkom żball. Ġibtu dak l-annimal f'page 3 li kien jismu bugeddum. Dak mhux ġurdien? Skużani tal-mistoqsija, imma intom dejjem tghidulna biex nistaqsu! Grazzi.

Danielle Camilleri
Pembroke

Ghażiża Danielle,

L-ewwelnett toqghod titlob skuża xejn talli tistaqsina dwar in-natura. Ifhem li huwa ta' pjaċir ghalina li naqsmu dak li nafu mal-membri. Niġu ghall-annimal misterjuż.

Ghandek raġun tiżbalja **bugeddum** ma' ġurdien, ghax verament jixbhu fid-dehra. Barra minn hekk fil-ftit kotba Maltin fejn jissemma' dan l-annimal, huwa mniżżel bhala ġurdien ta' geddumu twil.

Madankollu dan l-annimal m'ghandu x'jaqsam xejn mal-ġrieden u fil-fatt iktar ixaqleb lejn il-qanfud. Dan ghaliex bhall-qniefed, il-bugeddum ( bl-Ingliż *shrew*) huwa insettivoru ghax jiekol l-insetti, mhux bhall-ġurdien li jiekol ġwież eċċ.

F'Malta l-bugeddum mhux rari. Imma ftit jafu bih peress li huwa żghir hafna (l-iżghar mammiferu tad-dinja), jitgerrex malajr u jhobb jinheba. Hawn min hu b'xortih li ghandu dan l-annimal grazzjuż anke d-dar. B'xortih ghax il-bugeddum iharbat wirdien, kokroċ, ġurati eċċ.

Hasra li hafna jmutu bla tort fin-nases tal-ġrieden, u fil-fatt ghalhekk m'ghandniex nużaw nases minn dawk li joqtlu l-annimal, ghax ma jaghtukx ċans issalvah.

L-Editur

Victor Falzon

# *il-Kuċċarda*

minn
Mark Falzon

S'issa tajna ħarsa lejn tliet speċi ta' għasafar differenti fil-ħarġiet li għaddew. Rajna kif kull għasfur għandu binja u ħajja li jaddattawh għal ċertu tip ta' ambjent. B'hekk in-natura għandha ħila ssostni ħafna ħlejjaq ta' kull xorta: din hija l-bijodiversità li l-MOS, bħala għaqda ambjentali, tant tisħaq fuqha. Kollox jiddependi mill-katina ta' l-ikel, u ħolqa siewja huwa t-tajr tal-priża. Għasafar ta' daqs mezzan sa kbir, b'għajnejn kbar, dwiefer u munqar bil-ponta, li jikkaċċjaw annimali oħra biex jgħixu.

Il-Kuċċarda hija waħda mit-tajr tal-priża li jżuru pajjiżna darbtejn fis-sena waqt il-passes. Fiha daqs xi 60ċm u lewn li jvarja ħafna - iżda ġeneralment ċar minn taħt u skur fuq in-naħa tad-dahar. Fit-titjira jispikkaw id-denb twil, ġwienaħ wesgħin u ras żgħira.

Il-Kuċċarda nistgħu narawha minn April sa l-aħħar ta' Mejju, imbagħad f'għadd ikbar minn nofs Awwissu sa l-aħħar ta' Ottubru. F'dan iż-żmien tkun qed tpassi bejn l-imsaġar Ewropej fejn tbejjet, u l-Afrika fejn tqatta' x-xitwa. Ġeneralment tidher tpassi fil-għoli, iżda mhux l-ewwel darba li narawha mill-viċin, nieżla tqatta' l-lejl f'xi ħarruba jew siġra taż-Żnuber. Dan għaliex tippreferi ttir matul il-ġurnata, meta tkun tista' tuża l-kurrenti ta' arja sħuna biex taħli enerġija mill-inqas waqt il-vjaġġ. L-aħjar inħawi f'Malta għall-osservazzjoni tal-kuċċard huma l-għoljiet fil-punent tal-gżira, bil-Buskett jispikka. Fil-fatt mawra sal-Buskett f'Settembru mal-Klabb Ħuttaf hi bidu tajjeb biex membri jaraw dawn l-għasafar ta' għamla li ssaħħar, li forsi lanqas qatt noħolmu li jiġu fostna. Ħaġa li żgur tibqa' tiftakarha hi d-dehra ta' dan it-tajr nieżel qisu vleġġa lejn xi siġra kbira li jkun għażel bħala kenn għal-lejl...

Sakemm, bħal dejjem, ma nindaħlux aħna l-bnedmin. Ta' kull sena fil-ħarifa l-kaċċaturi joqtlu ħafna kuċċard, bħas-soltu biex jarawh ibbalzmat u ċass f'xi vetrina. Li toqtol annimal



bla bżonn huwa dejjem ikraħ. Iżda fil-każ tal-kuċċard id-dnub hu ikbar peress li dan l-għasfur qed jonqos sew u jekk ma nibżgħux għalih jaf jispiċċa. Dan minħabba l-kaċċa u l-qerda ta' l-imsaġar fejn jgħix.

**Aħna tal-Ħuttaf permezz tal-berdwoċing fhimna kif għandna nieħdu gost bin-natura mingħajr ma nagħmlulha ħsara. Fhimna li biex il-kuċċard (u ħafna ħlejjaq oħra hej!) jibqa' joktor kif għandu dritt jagħmel, jeħtieġ nagħmlu żewġ affarijiet. L-ewwel: infiehmu lil sħabna li l-annimali sbieħ ħajjin; u t-tieni: nużaw il-karti u prodotti ta' l-injam bil-għaqal u bla ħela - dan biex inħarsu l-imsaġar, li huwa l-ambjent tal-Kuċċarda.**



| | |
|---|---|
| Malti: | Kuċċarda |
| Ingliż: | Honey Buzzard |
| Latin: | *Pernis apivorus* |

# Attività





## Għall-Buskett!



**Settembru** dejjem nassoċjawh mal-Buskett, u din is-sena mhijiex eċċezzjoni. Fi żmien il-passa, b'mod speċjali tal-ħarifa, il-Buskett jiġbed l-għasafar bħal kalamita. U bħalma jiġbed l-għasafar, allura bilfors jiġbed ukoll il-berdwoċers. F'Settembru l-Buskett jagħti spettaklu mill-isbaħ għal min jieħu pjaċir jara l-għasafar.

Għalhekk se nagħmlu żewġ ħarġiet għal dan il-ġnien famuż, u hawn huma d-dettalji:

Dati: **18 Settembru - Ħuttaf ta' Fuq**
**25 Settembru - Ħuttaf ta' Isfel**
Niltaqgħu: **Ħdejn tal-Ħalib, Bieb il-Belt**
Ħin: **8.00am** Lura l-Belt: **1.00pm**

Ġibu magħkom tromba u gwida għat-tajr (jekk għandkom), nowtbuk, lapes, ikel u xorb. Imma titgħabbewx wisq.



Spanjulett



### WORLD BIRDWATCH

**L-1 u t-2 ta' Ottubru 1994 huma World Birdwatch Days. F'dawn il-jumejn, berdwoċers mad-dinja kollha joħorġu fil-kampanja biex jgħoddu x'għasafar raw. F'Malta se nagħmlu l-istess ħaġa fil-Buskett. L-MOS tistieden il-familji tagħkom nhar il-Ħadd 2 ta' Ottubru għal daqsxejn berdwoċing. Il-grupp jiltaqa' fis-2pm taħt it-tinda. Ħa jkun hemm berdwoċers biex jgħinukom tagħrfu l-għasafar.**

## Ottubru għal Għawdex

Għawdex mimli kampanja sabiħa fejn timxi u timraħ. Għalhekk f'Ottubru ħsibna biex naqbżu qabża s'hemm u nesploraw ftit l-inħawi tal-lvant (lejn il-Qala). Hawn huma d-dettalji:

Dati: **23 Ottubru - Ħuttaf ta' Isfel**
**30 Ottubru - Ħuttaf ta' Fuq**
Niltaqgħu: **Iċ-Ċirkewwa (ħdejn il-moll)**
Ħin: **8.00am - tittardjawx!!**
Lura ċ-Ċirkewwa: **xi 3.00pm**






Bagħdan Aħmar

Ġibu magħkom tromba, gwida għat-tajr (jekk għandkom), nowtbuk, lapes, ikel, xorb *u lira għall-vapur.*

**Inħeġġu ħafna lill-membri Ħuttaf Għawdxin biex jattendu din l-attività. Dawn fil-każ jiltaqgħu magħna l-port ta' l-iMġarr fit-8.45am (stennewna ħdejn tal-biljetti). Ħuttaf Għawdxin jistgħu jekk iridu jattendu ż-żewġ dati.**

### Importanti

**Għall-ħarġiet dejjem ġorr miegħek miktubin ismek, indirizz u numru tat-telefon f'każ li l-leaders jiġu bżonn jikkuntattjaw lil niesek. Jekk għadek m'għalaqtx 8 snin, għall-ħarġiet irid jiġi miegħek xi ħadd kbir.**

# ISLAND BOOKS

4 ALLEY 1, ST. ANTHONY STREET,
(CORNER WITH CHRISTOPHER BAZAAR)
MOSTA TEL: 432774

**We sell quality second hand books and specialise in Melitensia.**

**We also stock new Tasken Art & Architecture books and have good stocks of literature, poetry & drama plus anthropology, psychology, philosophy and also a large selection of children's books.**



**Our general stock includes over a thousand quality paperbacks.**

**We are open from 10.00am to 5.00pm on Saturdays, Sundays and Public Holidays.**

*Telephone enquiries and browsers welcome!!*

# ART GALLERY

***Bies***
*minn **Stanley Agius***



Xieraq li f'daż-żmien tas-sena naghtu preferenza lil tpinġijiet ta' tajr tal-priża

**Tinqala' għat-tpinġija?** Tħobb tiskeċċja annimali u pjanti? Tixtieq lil ħaddieħor japprezza l-arti tiegħek? X'qed tistenna? Ibagħtilna xogħlok, u aħna'nieħdu pjaċir inġibuhulek fil-Ħuttafa. Basta mhux bil-kulur. Ibgħat ukoll ismek, l-età u x'inhu l-annimal jew pjanta li tkun pinġejt.



Astun aħmar



***Seqer***
*minn **Analise Moran***
*(11-il sena)*




## Żomm ħa naħseb...

Qatt ħsibt kemm naħlu boroż? Ħafna drabi dak li nixtru, imqar jekk ikun pakkett krips, jingħatalna f'borża. U aktar iva milli le, il-borża tispiċċa mormija.

X'ħela, hux? Il-boroż isiru mir-riżorsi li tagħtina d-dinja, u li xi darba se jispiċċaw. Il-boroż tal-karti jsiru mis-siġar, u tal-plastik isiru miż-żejt. U biex tgħaxxaqha, meta l-injam u ż-żejt jinbidlu f'boroż isir ħafna tniġġiż.

Għalhekk meta tixtri xi ħaġa żgħira, avża lil tal-ħanut minn qabel biex dak li ser tixtri ma jpoġġihulekx f'borża. Tal-ħanut mhux ser jidħaq bik, anzi jieħu gost għax ikun qed jiffranka.

Meta tmur tagħmel xirja kbira, ħu basket miegħek. B'hekk tiffranka l-ħela ta' basket ieħor. Ftakar li ma' kull borża jew basket li tiffranka issalva parti ċkejkna imma importanti mid-dinja.

**Jason Aloisio**



## LOTTERIJA 94

**Infakkru lill-membri li baqgħalhom xi biljetti x'ibigħu. Ċans fadal biss sat-23 ta' Settembru 1994. Jiġifieri ftit tal-ġranet oħra. Mela ejjew. Forza, araw kif teħilsu minn dawk l-aħħar ftit biljetti. Biljetti li ma tbigħux irritornawhom ukoll.**




## Daħħal Membru Ġdid

**Offerta speċjali**



**Daħħal membru ġdid fil-Klabb Ħuttaf u tieħu sett ta' erba' posters bil-kulur dwar l-annimali u l-pjanti ta' Malta. Sewwa smajt: erba' posters mimlijin rettili, mammiferi, fjuri eċċ.**

Imla dil-formola u ibgħatha lil: **Daħħal Membru Ġdid, Klabb Ħuttaf MOS, POBox498 Valletta CMR 01**

Jekk ma tridx tqarraq il-magazin tista' tieħu fotokopja u tibgħat lilha

### *Ibgħatli dawk il-posters issa stess!!!*

Iva, għadni kemm daħħalt membru ġdid! Jiena jisimni ______________________

In-numru tal-membership tiegħi huwa [     ]. Dawn li ġejjin huma d-dettalji tal-membru l-ġdid/a li daħħalt jiena.

**Isem u Kunjom:** ______________________

**Indirizz:** ______________________

**Data tat-twelid:**

| jum | xahar | sena |
| --- | --- | --- |
| | | |

**Telefon:** ______________________

Ma' dil-formola għandek issib b'lira bolli (mhux użati) tal-5ċ jew ċekk/postal order ta' Lm1.